**FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. TONIO MALLIA LL.D.**

**Illum, il-Hamis, 20 ta' Gunju, 2002**

Citazzjoni Numru: **142/86TM**

Numru**:**

**Maurice Mifsud Bonnici ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni TeleMalta u b' nota tas-17 ta' Lulju, 1987, John. A. Scicluna assuma l-atti tal-kawza, b'nota tat-18 ta' Mejju, 1993, Saviour Farrugia assuma r-rapprezentanza tal-Korporazzjoni TeleMalta u b' nota tal-15 ta' Mejju, 1998 is-socjeta' kummercjali Maltacom p.l.c., assumiet l-atti tal-kawza bhala s-socjeta' kummercjali li ssuccediet il-Korporazzjoni TeleMalta**

vs

**Edgar Bonnici Cachia u b'digriet tat-8 ta' Ottubru, 1986, Stephen Micallef gie kjamat in kawza f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Inter Commercial Enterprises Ltd, b'digriet tal-31 ta' Lulju, 1995, Mariella Micallef giet nominata kuratrici ta' Stephen Micallef f'ismu u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Inter Commercial Enterprises Ltd., u b'digriet tas-16 ta' Mejju, 2002, il-Qorti irrevokat '*contrario imperio'* id-digriet tat-8 ta' Ottubru, 1986, li bih gie kjamat fil-kawza Stephen Micallef f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Inter Commercial Enterprises Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fis-6 ta' Frar, 1986 fejn il-Korporazzjoni attrici ppremettiet illi skond l-*Agreements* minnu sottoskritti u skond ir-regolamenti vigenti huwa id-debitur lejn il-Korporazzjoni TeleMalta fl-ammont ta' LM12,664.47,5 (tnax-il elf, sitt mija u erbgha u sittin lira Maltin, sebgha u erbghin centezmi u hames millezmi) dovuti ghal kiri tas-servizz telefoniku, ghal telefonati, u ghal telefonati ghall-esteru mill-*Overseas Telephone Booking*, *telexes* u kera ta' *telex*, relattivament ghall-post 5, Pinewood Court, Park Avenue, Swieqi bin-numri 516696, 516669 u Telex 1596;

Ippremettew illi l-konvenut naqas li jhallas l-ammont minnu dovut ghalkemm interpellat;

Talbu ghalhekk ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tikkundanna li l-konvenut ihallas lill-Korporazzjoni attrici nomine bl-imghax legali, l-ammont ta' LM12,664.47,5 (tnax-il elf, sitt mija u erbgha u sittin lira Maltin, sebgha u erbghin centezmi u hames millezmi) minnu dovuti kif fuq imsemmi ghall-kiri tas-servizzi telefonici, ghal telefonati, ghal

telefonati ghall-esteru mill-*Overseas* T*elephone Bookings* ghal *telexes* u kera ta' *telex*.

Bl-ispejjez.

Il-konvenut imharek minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Edgar Bonnici Cachia fejn eccepixxa:

1. Illi in kwantu it-talba attrici tirrigwardja is-somma ta' Lm8837.81, riklamata ghas-servizz telefoniku taht il-linja numru 516696, il-konvenut mhux il-legittimu kontradittur, billi l-istess atur li kien infurmat b'ittra li s-servizz qieghed jintuza esklussivament minn certu Stephen Micallef f'ismu proprju u/jew ghan-nom tas-socjeta' Inter Commercial Enterprises Ltd., ma issospendiex is-servizz, u b'hekk irrikonoxxa lill-imsemmi Stephen Micallef pro et noe bhala debitur gdid. Ghalhekk din il-parti tat-talba trid tigi michuda fil-konfront tal-konvenut.

2. Fir-rigward tat-talba ghal LM1421.68 ghall-linja 516669 u ta' LM2404.98,5 ghat-telex numru 1596, it-talba mhix sostanzjata mill-prospett preciz ta' kif ingemghu dawn l-ammonti, u ghalhekk hija insostenibbli u ghandha tigi michuda wkoll b-ispejjez.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-8 ta' Ottubru, 1986, li in forza tieghu giet ordnata il-kjamata in kawza ta' Stephen Micalef f-'ismu proprju u in rapprezentanza tas-socjeta' Inter Commercial Enterprises Ltd;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-31 ta' Lulju, 1995 li nforza tieghu Mariella Micallef giet nominata kuratrici ta' Stephen Micallef f'ismu u fil-kwalita' tieghu premessa;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-28 ta' Marzu, 1996, I in forza tieghu cahdet it-talba ta' Mariella Micallef biex tirtira in-nota taghha ta' l-accettazzjoni tal-bandu biex tirraprezenta lil zewgha Stephen Micallef.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Mejju, 2002, li in forza tieghu irrevokat *'contrario imperio'* d-digriet tat-8 ta' Ottubru, 1986, li bih gie kjamat fil-kawza Stephen Micallef f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza Inter Commercial Enterprises Ltd;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tal-11 ta' Lulju, 1991, li biha irregettat l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u laqghet it-talba attrici ghall-ammont mitlub kontra l-konvenut, inkluzi l-kap ta' l-ispejjez b'rizerva espressa lill-konvenut ta' kull azzjoni lilu psettanti skond il-ligi kontra Stphen Micallef proprio et nomine fir-rigward tal-kont fl-ammont ta' Lm8,837.81 dwar it-telefon bin-numru 576696;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ta' l-14 ta' Frar, 1994, li annullat is-sentenza ta' din il-Qorti u rrinvjat l-atti quddiem din il-Qorti ghal konsiderazzjoni ulterjuri tal-vertenza u l-eventwali decizjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza komprizi l-verbali tax-xhieda mismugha mill-Assistant Gudizzjarju minnha nominat;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-lum;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza s-socjeta' attrici qeghda titlob lill-konvenut l-ammont komplessiv ta' LM12,664.47,5 dwar is-segwenti:

| | | |
|---|---|---|
| i) | ghat-telefon bin-numru 516696; | LM8837.81, |
| | ta' kiri u telefonati ta' Settembru 1985 | 0 |
| ii) | ghat-telefon bin-numru 516669; | LM1421.68, |
| | ta' kiri ta' telefonati sa Gunju, 1985 | 0 |
| iii) | ghat-telex 1596; | LM2404.98, |
| | | 5 |

L-eccezzjonijiet tal-konvenut huma ta' zewg xorta:

a) dwar item (I) hija li l-konvenut mhux illegittimu kontradittur billi hu kien avza lit-TeleMalta Corporation biex idawwru l-apparat fuq isem Stephen Micallef, l-utent veru;

b) li dwar l-items (ii) u (iii) li dawn il-kontijiet ma humiex sostanzjati u ma kienx inghata *breakdown* taghhom *ergo* ma kienux dovuta;

Kif fuq inghat, l-attur nomine pprezenta bhala parti mill-provi tieghu diversi dokumenti. Fost dawn insibu:

Dok A (a fol 6) li juri applikazzjoni datata 24 ta' Lulju, 1984 ghall-installazzjoni 'telephone exchange line' fil-fond 5, Pine Wood Court, Park Avenue, Swieqi. L-isem ta' '*Subscriber*' fiid-Direttorju kellu jkun Bonnici International Ltd. It-telefon kwantu ghan-numru tieghu, kien 516696.

Dok B (a fol 7) huwa identiku ghal dok A li d-differenza li dan kien allura jirreferi ghal telefon bin-numru 516669.

Dok C jirreferi ghall-kuntratt tal-kiri . L-ahhar klawsola tieghu, dik jigifieri bin-numru 13 a fol 9 tispecifika kwantu segwe:

*"13. The Hirer shall not assign or transfer this Agreement to another party withour having first obtained the express agreement of the Corporation in writing to do so".*

Barra minn dawn id-dokumenti, l-attur nomine esebixxa wkoll diversi *statements*, li juri in dettal ta' kif intela, l-ammont addebitat lill-konvenut fuq tlett apparati, oltre li l-istess attur nomine ikkonferma li l-Korporazzjoni TeleMalta ghad ghandha tircievi l-hlas u dan bil-gurament tieghu (ara dokumenti D,E,F,G,H,I a fol 11 –18 tal-process).

Illi mill-provi prodotti ma ghandu jkun hemm dubbju dwar il-partiti (ii) u (iii) elenkati aktar il' fuq u li jirreferu ghas-segwenti:

| | |
|---|---|
| ii) Hlasijiet dwar telefon numru 516669: | LM1421.68,0 |
| iii) Telex numru 1596 | LM2404.98,5 |
| Total | LM3826.66,5 |

Bil-maqlub ta' dak li eccepixxa l-konvenut fit-tieni parti ta' l-eccezzjonijiet tieghu, dina l-parti tad-debitu tinsab u giet ukoll pjenament assodata mill-

provi u l-konvenut ma ressaq ebda provi konvincenti biex jirribatti dak li stabilixxa l-attur nomine.

Dwar l-ewwel item relattiv ghall-apparat tat-telefon bin-numru 516696 ma hemmx dubbju li l-applikazzzjoni dwaru saret mill-konvenut. Irrizulta veru, pero', li f'xi zmien il-konvenut informa lill-Korporazzjoni biex il-linja tigi ttrasferita fuq kumpannija ta' certu Stephen Micallef, fatt konfermat u ammess minn Micallef innifsu. Micallef ikkwalifika ruhu bhala Managing Director tad-'ditta' jew ahjar socjeta' International Commercial Enterprises Ltd. <u>Inter alia</u> dan ix-xhud qal hekk (ara fol 92 – xhieda moghtija fl-24 ta' Frar, 1988).

"……….stante li l-konvenut kellu bzonn temporanjament ta' ufficcju, jien kont hallejtu juza zewg kmamar fl-ufficcju fl-indirizz li ghandi kif stajt. U dan …. gab mieghu zewg linji tat-telefon u tat-telex. Xi 4 jew 5 xhur wara (il-konvenut) kien telaq minn dawn l-ufficcini u kien hallilna linja wahda tat-telephone li kienet 516696. Jiena stante li kont naf li kien se jsiefer staqsejtu biex jaghmlilna transfer tal-linja li kien hallilna. Hu qalilna li ma kienx hemm problema u jitlob ghal transfer fuq isimna".

Issa gara li l-konvenut, meta kien imsiefer, safa' involut f'bicca saram li gie mizmum milli jirritorna Malta. Micallef xehed li inqaghtet il-linja minhabba nuqqas ta' hlas ta' arretrati u huwa mar il-Koporazzjoni u pprerswadihom biex il-linja terga' tinghata lis-socjeta' tieghu galiex b'dan il-mod biss kien hemm il-possibilta' li xi darba l-arretrati jithallsu. Fil-fatt hekk gara. Meta Micallef insista mal-Korporazzjoni ghal transfer fuq ismu, ir-risposta taghhom kienet fis-sens li dan seta' jsir biss kemm-il darba ikun hemm ukoll prezenti l-konvenut, cioe' '*is-subscriber'*. Issa filwaqt li min-naha l-wahda il-pozizzjoni li hadet il-Korporazzjoni kienet legalment gusta fir-rigward it-trasferiment, fl-istess waqt l-istess Korporazzjoni, una volta li l-linja giet f'xi zmien maqtugha, ma kellhiex ghalfejn taccetta s-suggeriment ta' Micallef u taghti l-linja lura.

Hawnhekk, mela, ghandna sitwazzjoni fejn il-linja giet, f'xi mument, maqtugha minhabba arretrati, izda regghet giet ikkomunikata fuq insistenza ta' Stephen Micallef. Din ic-cirkustanza, pero', ma tezonerax lill-konvenut mir-responsabbilta' ghax it-telephone kien u baqa' registrat fuq ismu u hu kien jaf li kien qed jintuza minn Stephen Micallef. Il-konvenut kien ben konxju tas-sitwazzjoni fejn halla telephone registrat fuq ismu accessibbli ghal diversi nies u ma hax passi konkreti biex it-

telephone jitnehha minn fuq ismu. Il-Korporazzjoni la setghet iddawwar it-telephone fuq haddiehor minghajr il-kunsens tal-konvenut, u lanqas kellha obbligu li taqta' l-linja jekk ma kellhiex talba f'dan is-sens mill-konvenut. Il-Korporazzjoni, f'okkazzjonijiet minnhom, kienet hadet il-pass unilaterali li taqta' l-linja, izda meta persuna li kient qed tuza' dik il-linja bil-permess tas-*subscriber*, insistiet li tiehu l-linja lura (bis-speranza li jkun jista' jsir hals ta' l-arretrati), hi akkwixxiet. Ghalkemm kif inghad, ma kellhiex ghalfejn taghmel dan, ma ghamlet xejn hazin meta ghamlet hekk ghax, safejn kienet infurmata, is-Sur Micallef kien qed jagixxi bil-kunsens espress jew tacitu, tal-konvenut, u ma kellha ebda talba mill-konvenut biex taqta' linja.

Jekk il-konvenut ried jehles mir-responsabbilta', kellu jikteb lill-Korporazzjoni, jinformahom li ma kienx aktar interessat fis-servizz u jghidilha taqta' l-linja; b'dan il-mod, hu kien jehles minn kull debitu marbut ma' dak it-telephone mill-ghada ta' data ta' dik l-ittra. Bhala r-*registered subscriber*, meta l-Korporazzjoni jkollha ittra simili, din tkun trid bilfors twaqqaf is-servizz. Il-konvenut, pero', ma hax interess jara li t-telephone in kwistjoni jitnehha minn fuq ismu, u ghalkemm kien jaf li dak in-numru partikolari baqa' jghajjat lilu hu baqa' ma ghamel xejn.

Ghalkemm kien ftiehem ma terza persuna biex jaqleb in-numru ghall fuqha, ma hax hsieb jara li dan it-*transfer* isir u, fuq kollox, li dan it-*transfer* ikun accettat mill-Korporazzjoni bil-miktub kif rikjest fl-Avviz Legali 47 tal-1972. Veru li f'xi mument, il-konvenut ittanta jitlob li l-linja tinqatalu, pero' din tidher li kienet *a half-hearted measure,* irrizulta, fil-fatt, li waqt li kien qed jiddiskuti l-problema ma xi ufficcjal tal-Korporazzjoni, marru staqsew lill xi hadd *fl-accounts department* biex jaqta' l-linja, qalilhom li ma setghux, u l-materja waqqfet hemm. F'ebda stadju il-konvenut ma kiteb formalment <u>lill-Korporazzjoni</u> ( u mhux sempliciment titlob verbalment lill xi impjegat) li hu kien qed jinsisti li l-linja tinqata' u li hu ma kienx se jibqa' responsabbli ghall-kontijiet futuri. Fil-fatt, irrizulta anke mix-xhieda ta' Stephen Micallef stess, li meta l-konvenut insista li jiehu l-linja band'ohra, il-Korporazzjoni accettat it-talba tieghu: haga bhal din kien missu ilu li ghamilha l-konvenut!

Fil-kors ta' dawn il-proceduri, il-konvenut talab il-kjamata fil-kawza ta' Stephen Micallef f'ismu proprju u f'isem is-socjeta' Inter Commercial Enterprises Limited. Il-konvenut, pero', ma tantx ha hsieb isegwi l-process u jara li dan jidhol effettivament fil-kawza billi jigi notifikat bl-att tac-citazzjoni. Il-kawza kienet anke giet differita "sine die" minhabba

nuqqas tan-notifika, u l-Korporazzjoni attrici, li sabet ruhha tigri wara persuna li ma harketx hi, kellha titlob ir-reappuntament tal-kawza biex it-talba taghha ma tigix imxejna. Il-process tan-notifika tal-kjamat fil-kawza ikkomplikat ruhu ghal xejn, sakemm wassal lill din il-Qorti tirrevoka '*contrario imperio'* il-kjamata fil-kawza ta' Stephen Micallef li baqa' qatt ma gie notifikat bic-citazzjoni fis 16-il sena li dam imsejjah!

Il-Qorti, pero', tirrimarka li s-sejha fil-kawza ta' dan Stephen Micallef ma kienetx taghmel differenza lis-sitwazzjoni tal-konvenut. Il-konvenut jghid li hu kien ftiehem ma' dan Micallef fis-sens li dan kellu jassumi fuqu r-responsabbilita' ghal hlas u xehed ukoll li dan Micallef kien anke kiteb lill-Korporazzjoni TeleMalta biex jinfurmhom li l-kont kellu jhallsu hu. Dan kollu, pero, ma jinteressax lid-ditta attrici. Debitier ma jistax jillibera ruhu mir-responsabbilita' billi jitfa' d-dejn fuq persuna ohra accettanti jekk dan ma jsirx bil-kunsens tal-kreditur – (ara "Cilia vs Frendo Azzopardi" deciza mill Onorabbli Qorti tal-Appell fid-29 ta' Frar, 1988). Id-debitur tad-ditta attrici kien il-konvenut, u dan ma jistax jehles mir-responsabbilita' billi jiftiehem ma' haddiehor u jitfa r-responsabbililta' fuq dak il-haddiehor; haga bhal din tista' ssir biss bil-kunsens tal-kreditur.

Lanqas ma seta', l-konvenut, jiftiehem ma' terz u jghaddi s-servizz tat-telephone fuq dan it-terz biex, minghalih, minn dak il-mument 'l quddiem, ikun it-terz responsabbli ghal dak is-servizz. Biex dan isir ikun mehtieg il-permess bil-miktub tas-socjeta' attrici, u, f'dan il-kaz, dan il-permess ma rrizultax. Anke jekk il-Korporazzjoni TeleMalta kienet taf li n-numru tat-telephone in kwistjoni kien qed jintuza minn Stephen Micallef, dan ma jistax jitqies ekwivalenti ghall-kunsens bil-miktub kif jitlob l-Avviz Legali kwotat. Kien il-konvenut li ppermetta li n-numru tat-telephone in kwistjoni jintuza mill-ufficcju ta' Stephen Micallef, u kwindi, fil-konfront tas-socjeta' attrici, jibqa' hu bhala *subscriber* responsabbli ghal kull hlas relattiv.

Dan ma jfissirx li fir-relazzjoni  interna ta' bejn il-konvenut u Stephen Micallef, dan ta' l-ahhar ma jistax jinsab responsabbli ghal hlas tal-kont relattiv; din, pero', hija kwistjoni interna bejn il-konvenut u l-persuna li hallieha tinqeda bis-servizz registrat fuq ismu. Fil-konfront tas-socjeta' attrici, il-konvenut bhala r-*registered subscriber*, baqa' kontinwament responsabblli ghal hlas tas-servizz moghti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tirrigetta l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici ghall-ammont mitlub kontra l-konvenut.

L-ispejjez, hlief dawk gia' decizi, jithallsu mill-konvenut.

**IMHALLEF**

**D/REG**